DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1297

tal-25 ta' Settembru 2018

dwar deroga mir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti bijoċidali li fihom il-kreożot mogħtija minn Franza skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2018) 5412)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(2)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kumpaniji Bilbaina de Alquitranes, S.A., Koppers International B.V. u Rain Carbon BVBA ("l-applikanti") ippreżentaw applikazzjoni kompluta lil Franza għar-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Iżvezja fir-rigward ta' tliet familji ta' prodotti bijoċidali ta' preservattivi tal-injam li fihom is-sustanza attiva kreożot ("il-prodotti"). L-Iżvezja awtorizzat il-prodotti għat-trattament tal-arbli tat-trażmissjoni tal-elettriku u tat-telekomunikazzjoni ("arbli tat-trażmissjoni") u tat-traversi ferrovjarji minn utenti professjonali.

(2) Il-kreożot hu kklassifikat bħala karċinoġenu tal-kategorija 1B skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Il-kreożot jissodisfa wkoll il-kriterji ta' sustanza persistenti, bijoakkumulattiva u tossika (sustanza PBT) jew sustanza persistenti ħafna u sustanza bijoakkumulattiva ħafna (sustanzi vPvB) skont l-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għalhekk, dan jissodisfa il-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-użu ta' prodott bijoċidali li fih il-kreożot irid jiġi ristrett għal Stati Membri li fihom jintlaħqu tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu.

(3) Franza qieset li l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ma ġew issodisfati rigward it-trattament tal-arbli tat-trażmissjoni fit-territorju tiegħu u li ċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni għal dan l-użu kienet iġġustifikata abbażi tal-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, kif imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, rispettivament. Għalhekk, skont l-Artikolu 37(2) ta' dak ir-Regolament, Franza informat lill-applikanti dwar l-intenzjoni tagħha li taġġusta t-termini u l-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet li jridu jingħataw fi Franza billi ma tawtorizzax prodotti għat-trattament tal-arbli tat-trażmissjoni ("l-użu ristrett").

(4) Tnejn mill-applikanti ma qablux mal-aġġustament propost u wieħed minnhom ma weġibx fi żmien 60 jum minn dik il-komunikazzjoni. B'riżultat ta' dan, fit-22 ta' Novembru 2017, Franza għarrfet lill-Kummissjoni f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) Mill-argumenti mressqa minn Franza, isegwi li r-riskju għall-bnedmin jew l-ambjent mill-esponiment għall-kreożot marbuta mal-użu ristrett tal-prodotti ma jistax jitqies bħala negliġibbli. Franza rrimarkat ukoll li preżervattivi oħra tal-injam li fihom sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huma disponibbli fis-suq Franċiż għall-użu ristrett. Għalhekk, li ma tawtorizzax l-użu ristrett ma jħalli l-ebda impatt negattiv sproporzjonat fuq is-soċjetà Franċiża. Skont Franza, l-użu ristrett huwa mhux essenzjali biex jiġi kkontrollat kwalunkwe periklu serju għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

(6) Għalhekk, l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ma ntlaħqu għall-użu ristrett fi Franza. Bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali u għall-ambjent, ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 jistabbilixxi li l-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali li jkun fihom sustanzi attivi bl-aġħar profili ta' periklu għandhom ikunu ristretti għal sitwazzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(1) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu, b'mod partikolari, jipproponu abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu li jiċħdu li jagħtu awtorizzazzjoni jew li jaġġustaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet li jridu jingħataw għall-prodotti bijoċidali li fihom sustanza attiva li għaliha japplika l-Artikolu 5(2) jew l-Artikolu 10(1) ta' dak ir-Regolament. Il-kreożot jissodisfa diversi kriterji ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament, kemm f'termini ta' proprjetajiet perikoluż għall-ambjent kif ukoll f'termini għas-saħħa tal-bniedem.

(7) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dik id-deroga mir-rikonoxximent reċiproku proposta minn Franza hija ġġustifikata abbażi tar-raġunijiet imsemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 37(1) ta' dak ir-Regolament.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Id-deroga mir-rikonoxximent reċiproku proposta minn Franza għall-familji ta' prodotti bijoċidali msemmija fil-paragrafu 2 hija ġġustifikata abbażi tal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin kif imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

2. Il-paragrafu 1 japplika għall-familji ta' prodotti bijoċidali identifikati permezz tan-numri tal-każijiet li ġejjin, kif previst fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali:

BC-WK024516-27;

BC-DQ024492-36;

BC-EU013041-45.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni